

Brussell, 13 ta' Diċembru 2023
(OR. en)

16754/23

AG 176
EMPL 617
SOC 864
MIGR 452
COH 100
SAN 748

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 16472/23	
Suġġett:	Il-ġestjoni tat-tibdil demografiku fl-Ewropa - Konklużjonijiet tal-Kunsill (12 ta' Diċembru 2023)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-ġestjoni tat-tibdil demografiku fl-Ewropa, approvati mill-Kunsill (Affarijiet Ġenerali) fil-laqgħa tiegħu li saret fit-12 ta' Diċembru 2023.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-ġestjoni tat-tibdil demografiku fl-Ewropa**FILWAQT LI JQIS LI:**

1. Fil-konklużjonijiet tiegħu ta' Ġunju 2023¹, il-Kunsill Ewropew stieden lill-Kummissjoni tippreżenta sett ta' għodod biex jiġu indirizzati l-isfidi demografiċi u b'mod partikolari l-impatt tagħhom fuq il-vantaġġ kompetittiv tal-Ewropa.
2. Id-dikjarazzjoni ta' Granada tas-6 ta' Ottubru 2023 enfasizzat id-determinazzjoni li jiġu indirizzati l-isfidi demografiċi bħala parti mill-isforzi biex tinbena Ewropa aktar b'saħħitha, dinamika, kompetittiva u koeżiva f'dinja li qed tinbidel.
3. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Ottubru 2023 dwar "It-tibdil demografiku fl-Ewropa: sett ta' għodod għall-azzjoni"², ġiet ippreżentata fil-laqgħa tal-24 ta' Ottubru 2023 tal-Kunsill Affarijiet Ġenerali, fejn il-Ministri appellaw għal segwitu għal din l-inizjattiva.

FILWAQT LI JILQA':

4. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Ottubru 2023 dwar "It-tibdil demografiku fl-Ewropa: sett ta' għodod għall-azzjoni", inkluż l-analiżi tagħha tal-isfidi demografiċi fl-Istati Membri u s-sejħa għal approċċ komprensiv għall-ġestjoni tat-tibdil demografiku li jagħti s-setgħa lill-ġenerazzjonijiet kollha biex jisfruttaw it-talenti tagħhom u jissodisfaw l-aspirazzjonijiet tagħhom, permezz tar-rikonċiljazzjoni tal-aspirazzjonijiet tal-familja u dawk personali max-xogħol imħallas; jappoġġa u jagħti s-setgħa lill-ġenerazzjonijiet iżgħar u akbar fl-età, inkluż billi jiffaċilita l-aċċess tagħhom għas-suq tax-xogħol u għal akkomodazzjoni affordabbli; jattira t-talent globalment permezz ta' inizjattivi mmirati u ta' benefiċċju reċiproku fir-rigward tal-migrazzjoni tal-ħaddiema, fejn meħtieġ.

¹ EUCO 7/23.

² 14191/23.

5. L-impenn tal-Kummissjoni li tiegħu aktar passi biex tappoġġa lill-Istati Membri fil-ġestjoni tat-tibdil demografiku permezz ta' sett ta' għodod politiċi disponibbli fil-livell tal-UE, speċjalment bil-ħsieb li ssaħħaħ il-bażi ta' data u ta' evidenza, billi tenfasizza l-importanza tal-investimenti, li tappoġġa l-politiki marbuta mad-demografija fil-livelli kollha u li tiżgura li l-ebda reġjun fl-UE ma jitħalla jibqa' lura.

IL-KUNSILL JILQA' L-INTENZJONI TAL-KUMMISSJONI LI TAPPOĠĠA L-IMPLIMENTAZZJONI TAS-SETT TA' GĦODOD BILLI:

6. Tintegra l-kwistjonijiet demografiċi fil-proposti politiċi rilevanti fil-livell tal-UE u l-valutazzjonijiet tal-impatt li jakkumpanjawhom, fejn xieraq.
7. Issaħħaħ l-analiżi dwar temi u sfidi ewlenin maħluqa mill-bidla demografika sabiex jingħata rispons effettiv u koerenti. F'dan ir-rigward, il-Kunsill jirrikonoxxi wkoll l-importanza tal-appoġġ permezz ta' analiżi xjentifika bbażata fuq l-evidenza u pariri politiċi, speċjalment minn stabbilimenti ta' riċerka rilevanti dwar id-diversi aspetti tal-iżvilupp tal-popolazzjoni fl-Unjoni Ewropea, fl-Istati Membri u fir-reġjuni.
8. Tinkoraġġixxi d-djalogi u skambji regolari mal-Istati Membri dwar id-dimensjonijiet kollha tad-demografija permezz ta' strutturi u riżorsi ddedikati u, fejn applikabbli, bil-ħatra ta' koordinaturi nazzjonali tad-demografija.
9. Tiżgura li l-ebda ċittadin u l-ebda reġjun fl-UE ma jitħalla jibqa' lura, irrispettivament mid-daqs jew il-livell ta' urbanizzazzjoni tiegħu, billi tirrifletti dwar kif il-politiki tal-UE jistgħu jgħinu lill-Istati Membri jindirizzaw l-isfidi demografiċi, partikolarment fil-kuntest tal-ħarġa li jmiss kmieni fl-2024 tad-disa' rapport ta' koeżjoni u tar-rapport dwar l-implimentazzjoni tal-viżjoni fit-tul għaż-żoni rurali.

IL-KUNSILL JISSOTTOLINJA L-ĦTIEĠA GĦAL AKTAR AZZJONI BIEX JIĠI ĠESTIT IT-TIBDIL DEMOGRAFIKU FL-EWROPA BILLI:

10. Isiru sforzi kontinwi li jirriflettu t-tibdil demografiku u l-impatt tiegħu fuq il-kompetittività, il-kapital uman u l-ugwaljanza, bil-ħsieb ta' diskussjonijiet ulterjuri dwar suġġett ta' tali importanza strateġika għall-Unjoni.